**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-16 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Nru : 211/2021 JPG**
**Kawza Nru : 21**

**JM**
**Vs**
**L-Avukat Dr Joseph Brincat u l-Prokuratur Legali Madeline Firman nominati bhala Kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti imsiefer EM iben P u C nee' C.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta' JM datat 23 ta'Awwissu 2021 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi JM u EM zzewgu nhar it-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija, tnejn u disghin (1992), kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel bl-isem ta' L, illum maggorenni, hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok B;*

3. *Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn ma xulxin, tmienja u ghoxrin (28) sena stante li ftit wara iz-zwieg is-sur M abbanduna lil esponenti hekk kif stqarret fl-affidavit taghha hawn anness u mmarkat Dok C;*

4. *Illi ghaldaqstant kellhom jigu appuntanti medjaturi, kopja legali tal-ittra tal-medjazzjoni u d-digriet tal-hatra kuraturi, annessi u mmarkat bhala Dok D;*

5. *Illi minn dakinhar qatt ma kien hemm xi tip ta' kuntatt bejn il-partijiet u ghalhekk l-esponenti ilha sa minn dak iz-zmien ma tkellem lis-sur Micallef;*

6. *Illi minhabba r-ragunijiet suesposti ghalhekk ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante t-tul ta zmien li ilhom jghixu separatament;*

7. *Illi inoltre' ma hemm l-ebda dover jew obbligu rigward hlas ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin;*

8. *Illi l-fatti suesposti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha imposti fil-ligi sabiex il-Qorti tiddikjara d-divorzju bejn il-paritjiet a bazi tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment u bir-rispett titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.*

3. *U b'digriet tat-13 ta' Gunju 2022, zdiedet it-tielet talba li taqra: "Tordna x-xoljiment u d-divizjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Avukat Dr Brincat u PL Madeline Firman datata 19 ta' Jannar 2022, a fol 17 li taqra hekk:

1. *L-esponenti jaghtu ruhhom b'notifikati ghaliex rcevew permezz ta' email l-atti kollha. Fic-cirkostanzi li hemm illum fir-Registru naturalment huwa ghaqli li wiehed jaccetta n-notifika peress illi s-sitwazzjoni jekk kienet gravi issa saret iktar gravi u biex issir notifika anke fil-kurituri tal-Qorti saret prattikament haga impossibbli jew inkella jrid ikun hemm miraklu.*

2. *Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti ta' dan il-kas u naturalment kollox jiddependi fuq ix-xhieda li trid iggib l-attrici.*

3. *Jidher mill-fatti li l-konvenut li huma jirraprezentaw jidher li abbanduna d-dar konjugali u ilhom separati de facto ghal aktar minn dak iz-zmien li trid il-ligi.*

   *Dikjarazzjoni tal-Avukat Dr Joseph Brincatt u l-Prokuratur Legali Madeline Firman.*

   1. *Jinghad bil-qima li huma mhumiex qed jaghtu ruhhom b'notifikati.*
   2. *Li huma mhumiex edotti mill-fatti.*
   3. *L-attrici trid tipprova li kien hemm separazzjoni de facto u konsegwentement trid issir ukoll b'xhieda li huma indipendenti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' Dr Sonia Consiglio datata 24 ta' Novembru 2021 a Fol 21 et seq. Ai termini tal-Artiklu 66G (1) Kap 16;

Rat ir-rikors tal-attrici datat 23 ta' Mejju 2022 Fol 40 fejn talbet illi b'zieda mat-talbiet originali taghha tizdied talba addizzjonali ma' dawk gja elenkati fir-rikost promotur u cioe': Tordna x-xoljiment u d-divizjoni tal-Kommunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati datata 30 ta' Mejju 2022 fejn tennew li ma ghandhomx

oggezzjoni;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Gunju 2022 li bih laqghet it-talba;

Rat illi il-Kuraturi taw b'ruhhom notifikati bir-rikors guramentat kif korrett u li ma kellhomx x'izidu mal-eccezzjonijiet minnhom moghtija;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

***Michael Savona xehed nhar il 21 ta' April 2022 a fol 36*** fejn spjega illi mir-ricerka li saret irrizulta illi l-intimat m'ghandux opri tal-bahar registrati fuq ismu u lanqas ma jirrizulta illi ghandu xi dghajsa.

***Louise Buhagiar xehedt nhar il-21 ta' April 2022 a fol 37*** u prezenta l-*employment history* tal-intimat.

***Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed nhar il-21 ta' April 2022 a fol 38*** u spjega illi m'hemm l-ebda vettura registrata fuq isem l-intimat u li l-vettura li l-intimat kellu registrat fuq ismu giet *scrapped* fis-sena 2005.

***LB, missier l-attrici xehed permezz ta'affidavit (vide fol 47 et seq)*** u spjega illi bintu u l-intimat damu gharajjes madwar tmien (8) xhur u waqt l-gherusija l-intimat kien iqatta hafna hin id-dar taghhom. Illi kemm dam Malta, l-intimat kien jahdem imma ta' spiss kien ibiddel ix-xoghol, u kien bhal donnu ma setghax jidra mkien. Ix-xhud jishaq illi ghalkemm kien ta' spiss jisma lill-intimat jghid illi jixtieq li jmur l-A fejn missieru, l-intimat ma riedx jmur wahdu u ried li jizzewweg lill-bintu u jmorru flimkien. Meta kien qal b'dan kollu lill-attrici, hi kienet accettat. Ix-xhud izid illi hu u martu kienu kontra din l-ghagla u infatti pruvaw jghidulhom sabiex l-ewwel l-intimat imur l-A u jara x'hemm u jekk toghgbu, jigi lura Malta sabiex jizzewwgu u jemigraw wara. Illi l-intimat ma accettax u bintu u l-intimat spiccaw biex izzewwgu f' qasir zmien bl-intendiment li jemigraw wara z-zwieg.

Jixhed illi llum jahseb illi l-intimat kellu dik l-ghagla kollha biex jizzewweg ghaliex dak iz-zmien ma kellux flus u kien bzonn il-flus li kienu ser jircievu bhala rigali tat-tieg. Wara ftit li zzewwgu bintu u l-intimat emigraw u kienu jcemplu lil xulxin ta' spiss, u l-attrici qatt ma taghtu x'jifhem illi kien hemm l-inkwiet bejnha u l-intimat. Anki meta, wara gimghatejn, l-attrici infurmatu illi gejja lura Malta, u li l-intimat ghandu kellu jigi lura xi hmistax wara r-ritorn taghha, huwa ma susspettax illi kien hemm xi inkwiet. Filfatt wara gimghatejn mir-ritorn tal-attrici, huma marru jigbru lill-intimat mill-ajurport imma l-intimat ma tfaccax. L-attrici kienet cemplet lill-missier l-intimat fejn dan kien infurmaha illi hu kien wassal lill-ibnu l-ajruport izda ma kienx dahal mieghu l-ajruport. Wara hafna tahbit kienu saru jafu illi l-intimat ma kienx imnizzel fuq il-*passenger list* tat-titjira mill-A ghall-Malta. Illi wara ftit zmien l-intimat kien bghat ittra lill-attrici fejn infurmaha illi hu kien qieghed l-B jghix ma' kugintu. Dak iz-zmien l-attrici kienet diga' taf li hija *incinta* b'wild l-intimat u kellha tkompli ghaddejja bil-hajja taghha. Hekk kif twieled it-tarbija L, ix-xhud kien ircieva telefonata minghand l-intimat u ried li jkellem lill-attrici izda l-attrici dak il-hin ma kienitx id-dar. Minn dakinhar 'l hawn pero, ma semghux aktar bih. Illum L ghandu sebgha u ghoxrin (27) sena u jghix l-AW.

***CB, omm l-attrici xehdet permezz ta' affidavit, (vide fo 50 et seq)*** u spjegat illi tul l-gherusija, l-intimat kien ikun ta' spiss ghandhom u hafna drabi kien jiekol maghhom u hi kienet anke tahsilu hwejjgu. Tishaq illi qatt ma wera attitudni hazina, biss pero' kellu fissazzjoni stramba biex imur l-A fejn missieru. L-intimat insista li qabel imur l-A, jizzewweg lil bintha J. Minkejja li hi u zewgha kienu taw parir lill-attrici sabiex tistenna ftit iehor qabel tizzewweg, u dana peress li l-partijiet ma kienux ilhom wisq flimkien, binthom xorta wahda kienet deciza li tizzewweg lill-intimat u filfatt izzewgu tmien (8) xhur wara li kienu iltaqghu. Ftit wara li zzewwgu, bintha flimkien ma' l-intimat emigraw lejn l-A izda gimghatejn wara li telqu, binthom regghat giet lura Malta wahedha, filwaqt li l-intimat kellu jirritorna xi gimghatjen warajha. Dakinhar li kellu jasal Malta, l-intimat baqa' ma wasalx. Tispjega illi bintha u zewgha marru l-ajruport biex jigbruh izda l-intimat ma tfaccax. Bintha kienet spjegatilha illi fil-ftit zmien li ghamlu l-A, l-intimat kien inbidel, u minn ittra li kienet sabet, kienet fehmet illi bintha kienet giet msawwtha u filfatt wara li tkelmet ma' bintha J, din ikkonfermat il-hsibijiet taghha. Fil-frattemp, bintha kienet intebhet illi hi kienet tqila b' tarbija, u l-attrici kienet baqghet toqghod maghhom, dejjem tispera li l-intimat ser jigi lura. L-intimat la qatt irritorna wisq anqas qatt ma ra lill-ibnu.

***L-attrici xehdet nhar is-27 ta' Ottubru 2022 (vide fol 55 et seq)*** u spjegat illi hi zzewget lill-intimat fit-30 ta' Ottubru tas-sena 1992 u li minn dan iz-zwieg kellhom iben, li jismu L. Tixhed

illi fi zmien sitt (6) xhur huma kienu iddecidew li jizzewgu. Illi pero' kien hemm zmien fejn kienu tterminaw ir-relazzjoni taghhom izda wara ftit kien hemm rikonciljazzjoni u kienu prosegwew biz-zwieg. Tispjega illi kif izzewgu marru l-A izda wara xi hmistax l-intimat baghtha lura Malta. Dak iz-zmien kienet diga' tqila bil-wild taghhom, izda qatt ma regghet semghat minghand l-intimat. Tirrileva illi sakemm kienu l-A, kienu joqghodu ma' missier l-intimat u kienu bdew jitlewmu ta' spiss. Qabel ma kienx ikollhom dawn l-argumenti. L-intimat kien qalilha biex tmur lura Malta u kien qalilha li ghandu jirritorna Malta ftit wara. Tikkonferma illi l-intimat kien jaf li kienet tqila. Izzid illi missier l-intimat kien heggeg lill-intimat sabiex jigi lura Malta izda l-intimat nizel l-Bu baqa' hemm. Tixhed illi kien baghtilha ittra fejn kitbilha illi hu bilkemm jista jghajjex lilu nnifsu ahseb u ara familja. Illi mindakinhar ' l hawn qatt ma rega' kellha kuntatt mieghu u la qatt baghat flus ghal binhom u lanqas kartolina f'gheluq snin binhom. Illum binhom jghix l-AW u ghandu tmienja u ghoxrin (28) sena. L-attrici tikkonferma illi huma zzewwgu f' Ottubru tas-sena 1992 u f' Dicembru tal-istess sena hija kienet diga' lura Malta. L-attrici tikkonferma illi tul il-perjodu brevi li kienu mizzewgin huma qatt ma kellhom xejn in komuni, ghajr il-flus li inghatawlhom bhala rigal fit-tieg. Tishaq illi lanqas kontijiet il-bank ma kellhom.

***Joanna Bartolo in rapprezentanza tal-BOV xehdet nhar it-2 ta' Marzu 2023 (vide fol 67 et seq)*** u kkonfermat illi l-intimat qatt ma kellu konijiet mal-bank.

***Lorraine Attard in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc xehdet nhar it-2 ta' Marzu 2023 (vide fol 68 et seq)*** u kkonfermat illi ma nstabu l-ebda kontijiet li jappartjenu lill-intimat.

***Charmaine Psaila Ragi in rapprezentanza tal-APS Bank Malta xehdet nhar it-2 ta' Marzu 2023 (vide fol 69 et seq)*** u spjegat illi jirrizulta illi l-intimat qatt ma kellu relazzjoni bankarja mal-bank.

***Vanessa Bonello in rapprezentanza tal-Lombard Bank xehdet nhar it-2 ta' Marzu 2023 (vide fol 70 et seq)*** u spjegat illi l-intimat qatt ma kellu relazzjoni bankarja mal-bank.

***Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali xehed nhar it-2 ta' Marzu 2023 (vide fol 71 et seq)*** u spjega illi ma jirrizultax illi l-intimat qatt ippercepixxa xi beneficcji socjali.

***PC 79 Antoine Grixti xehed nhar it-2 ta' Marzu 2023 (vide fol 65 et seq)*** u spjega illi ma nstabu

l-ebda rapporti ta' missing person fil-konfront tal-intimat u lanqas ma rrizultaw rapporti fil-konfront tal-partijiet mill-partijiet.

***Savio Borg rapprezentant tal-Ufficcju Elettorali xehed nhar it-2 ta' Marzu 2023 (vide fol 73 et seq)*** u spjega illi l-ahhar li l-intimat kien registrat fir-registru elettorali kien f'dak ta' April 1996 fuq l-indirizz Flat 5 Triq il-Plejju Block A Imgarr. Illi sussegwentement kien sar rikors elettorali u kien gie imnehhi mir-registru elettorali sussegwenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati***

***b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fit-30 ta' Ottubru 1992, gewwa l-Parrocca tal-Mgarr u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni 1932/1992 *a fol 5* tal-atti. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom iben wiehed, LM li twieled fis-6 ta' Lulju 1993 u llum huwa maggiorenni u residenti l-AW. Illi mill-provi in atti jidher illi l-intimat ilu nieqes minn Malta mill-ahhar tas-sena 1992 meta hu flimkien mal-attrici emigraw lejn l-A ftit wara t-tieg taghhom.

Illi l-Qorti tinnota illi ghalkemm il-partijiet ormai ilhom separati *de facto* mill-ahhar tas-sena 1992 meta l-attrici rritornat lura Malta wahedha, il-partijiet qatt m'ottjenew is-separazzjoni legali. Illi kif jirrizulta mix-xhieda mhux kontestata tal-attrici, huwa evidenti illi l-partijiet illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, u ilu ma jkun hemm kuntatt bejn il-partijiet

ghal numru konsiderevoli ta’ zmien. Illi jidher ukoll li m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni b’dana illi anke dan ir-rekwizit hekk kif stipulat fil-ligi jirrizulta wkoll sufficjentement pprovat.

Illi l-Qorti rat illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b’dawna l-proceduri ghad-divorzju u/jew hall taz-zwieg ai termini tad-digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti datat 24 ta’ Gunju 2021.

Illi l-Qorti tinnota wkoll illi m’hemm l-ebda pretensjonijiet ghar-rigward manteniment bejn il-partijiet u lanqas m’hemm pendenzi ulterjuri ohra. Illi ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-attrici rnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex iz-zwieg taghha mal-konvenut jigi mahlul.

Illi fir-rigward it-talba ghax-xoljiment, divizjoni u ikwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti rat l-artikolu 66 D (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi li flimkien ma’ l-istess talba ghad-divorzju, *‘it-talbiet kollha illi huma mahsuba illi jistghu jsiru f’kawza ta’separazzjoni skond is-Sub Titolu III ta’ dan it-Titolu. Il-Qorti ghandha tisma u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif mahsub fid-dispizizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis…”*

Il-Qorti tinnota li l-komunjoni tal-akkwisti ghadha operativa bejn il-partijiet. Jirrizulta mill-provi prodotti illi ma hemm l-ebda assi in komunjoni u li l-partijiet ma ghandhom l-ebda pretensjonijiet f’dan ir-rigward fil-konfront ta’ xulxin. In *ogni caso* din il-Qorti jidhrilha illi kwalunkwe facilitajiet bankarji mehuda mill-partijiet ghandhom ikunu a karigu assoluta ta' dik il-parti li tkun hadithom, filwaqt li l-kontijiet bankarji li huma f'isem parti qed jigu dikjarati bhala propjeta` assoluta ta' dik il-parti li f'isimha jkun il-kont bankarju. Illi l-istess japplika ghal kwalsiasi obbligu li seta’ gie kontratt minn xi parti jew ohra, b’dana illi tali obbligu ghandu jkun a karigu esklussiv ta’ dik il-parti li tkun intrabtet b’tali obbligu.

Illi l-Qorti rat ukoll l-artikolu 66 G (1) u l-artikolu 66 G (2) (a) u l-artikolu 66H tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jistipulaw is-segwenti:

> ***(1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lir-rikorrent għandu, qabel ma jibda l-proċeduri skont l-artikolu 66B, fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b’kuntratt jew b’sentenza tal-qorti -(a) jiddiskuti mar-rikorrent il-possibilita` ta’rikonċiljazzjoni u jagħti lilu l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċessta’ rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u(b)***

***jassigura li r-rikorrent jaf bil-fakultà ta' separazzjoni personali bħala alternattiva għad-divorzju…***

***(2) Ir-rikors li permezz tiegħu jinbdew il-proċeduri ta' divorzju għandu:(a) fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jewb'sentenza tal-qorti, ikun akkumpanjat b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li huwa osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1);***

***66H (1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lill-intimat għandu,kemm jista' jkun malajr wara li jirċievi istruzzjonijiet mill-intimat dwar il-każ, fejn l-intimat u l-parti l-oħra ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, jiddiskuti mal-intimat il-possibilita` ta' rikonċiljazzjoni u jagħtih l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċess ta'rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin.***

***(2) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, ir-risposta tal-intimat għar-rikors għad-divorzju għandha tkun akkumpanjata b'nota li fiha l-avukatjikkonferma li osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1):***

***Iżda meta l-avukat li jkun qed jassisti lill-klijent fil-każ ta'divorzju ma jkunx ippreżenta n-nota imsemmija, l-avukat għandu jippreżenta dik in-nota fil-qorti sa jew fl-ewwel smigħ tal-kawża.***

Il-Qorti tirrileva illi n-noti rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikoli su citati, giet prezentata mill-abbli avukat difensur tal-attrici hekk kif tezigi l-ligi u tinsab a fol 21 tal-atti, stante li l-kuratrui deputati ma rnexxilhomx jaghmlu kuntatt mal-intimat li huwa assenti.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa l-ewwel talba u tippronunzja d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Ottubru 1992 bin-numru ta' iskrizzjoni 1932/1992;**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet**

**biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

3. **Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti ghal kull bon fini din il-Qorti tordna illi kwalunkwe facilita bankarji mehuda mill-partijiet ghandha tkun a karigu assoluta ta' dik il-parti li f'isimha hija intestata, filwaqt li l-kontijiet bankarji li huma f'isem parti qed jigu dikjarati bhala propjeta` assoluta ta' dik il-parti li f'isimha jkun intestat il-kont bankarju. Illi l-istess japplika ghal kwalsiasi obbligu li seta' gie kontratt minn xi parti jew ohra, b'dana illi tali obbligu ghandu jkun a karigu esklussiv ta' dik il-parti li tkun intrabtet b'tali obbligu. Tordna li x-xoljiment tal-Kommunjoni tal-Akkwisti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ikunu a karigu tal-intimat izda jithallsu provvizorjament mill-attrici.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**